# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 64/8

**It-Tlieta 18 ta` Jannar 2022**

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88, Triq Raymond Caruana, il-Gudja fis-sitta ta` filghaxija (6:00pm) ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dr. Marija Sara Vella – Sindku
John Mary Calleja – Vici Sindku
Stefan Caruana – Kunsillier
Mark Anthony Sammut – Kunsillier
Marija Micallef – Kunsilliera

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Nil

**ASSENTI**

Nil

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

Lara Mascena - Segretarju Eżekuttiv

## AĠENDA

064.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

064.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti ( 62/8 [9/12/2021, 63/8 [22/12/2021]);

064.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

064.4 Approvazzjoni tar-Rapport Finali tal-Estimi Finanzjarji ghas-sena 2022;

064.5 Approvazzjoni tar-Rapport Amministrattiv ghas-sena 2021;

064.6 Performance Bonus 2021 tas-Segretarju Ezekuttiv;

064.7 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

064.8 Rapporti;

064.9 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;

a. Triq iż-Żebbuġa – progress
b. Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina - progress
c. Ġnien Raymond Caruana – progress
d. Mizura 4.4: Hitan tas-Sejjieh

064.10 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

064.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---

# Minuti

## Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku Dr. Marija Sara Vella ppresidiet il-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-sitta ta` filghaxija (6:00pm) wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

## 064.1. Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Is-Sindku nfurmat lil dawk preżenti li ma kienx hemm ittri ta` apologija.

## 064.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti ( 62/8 [9/12/2021], 63/8 [22/12/2021]);

Dawn il-minuti ġew iċċirkulati qabel il-laqgħa tal-Kunsill u ġew meħuda bħala moqrija.

Il-Kunsill b'vot unanimu approva dawn il-minuti nru 62/8 u 63/8 nem con.

**Punti Mqajjma mill-Minuti**

064.2.1 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-problema ta` ilma li qed izomm fid-dahla ta` Gnien il-Qari minn Triq Bir Miftuh fejn prezentat kwotazzjoni li tammonta ghall-900Euro biex tisolva din il-problema. Il-Kunsillier S Caruana qal li din il-kwotazzjoni ghandha tintbghat lill-IM sabiex ix-xoghol u l-hlas isir minn naha taghhom. Is-Sindku qalet li l-Kunsill ghandu jibghat lill-perit responsabbli mill-IM sabiex dan ix-xoghol isir minnhom. Is-Sindku ziedet tghid ser jinghata hmistax cans biex tinghata r-risposta minghand IM. Dwar dan kien hemm qbil.

064.2.2 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-bollard/u bar li saret fi Triq Glormu Cassar. Is-Sindku ziedet tghid li kien hemm talba sabiex isir zebra crossing qabel l-stop sign ta` Triq il-Kbira. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

**064.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

064.3.1 Giet prezentata korrispondenza li l-Kunsill ircieva minghand il-Wasteserv Malta dwar xi skart mhallat li ntrama fil-facilita tal-skart tal-Wasteserv mill-kuntrattur tal-gbir tal-iskart. Is-Sindku tablet sabiex il-Kunsill jinforma u jigbed l-attenzoni tal-kuntrattur dwar dan.

064.3.2 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti dwar il-hatra taghha ta` Vici President tar-Regjun Nofsinhar.

064.2.3 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-attivitajiet li ser jigu organizzati flimkien ma` Regjun Nofsinhar fosthom dik ta` zmien il-festi tal-Ghid. Il-Kunsillier S Caruana qal li l-Arcipriet qed jiproponi li l-attivita ssir fil-11 ta` April 2022. Is-Sindku talbet sabiex isir laqgha mall-Arcipriet dwar dan.

064.2.4 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-progett tal-Out Door Gym, fejn infurmat lil dawk prezenti li kienet giet isottomessa l-applikazzjoni mall-Lands Authority.

064.2.5 Is-Sindku proponiet sabiex il-Kunsill jahseb biex jorganizza attivita/harga ohra ghal Marzu. Dwar dan kien hemm qbil.

064.2.6 Giet prezentata l-kwotazzjoni ta` road hump sabiex isir fi Triq Dun Pietru Farrugia. Is-Sindku talbet sabiex din tigi ordnata u sir fejn kien indikat. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

064.2.7 Giet prezentata korrispondenza dwar l-applikazzjonijiet li hemm miftuha relatati mall-Mizura 4.3. It-toroq proposti huma: Triq tal-Ghollijiet, Sqaq Caghki u Sqaq il-Logga. Is-Sindku qalet li jekk hemm xi toroq ohra li l-Kunsill jixtieq jaghmel ghandu jinforma lis-Segretarju. Id-data tal-gheluq tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni hija 28 ta` Frar 2022.

064.2.8 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li r-Regjun Nofsinhar ghandu persuna nkarigata mill-Harsien tal-Annimali.

064.2.9 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li xoghlijiet fuq il-hitan tas-sejjieh fiz-zona ta` Bir Miftuh jinstab fi stadju avvanzat hafna u li mistenni jitlesta fil-gimghat li gejjin. Il-Kunsillier S Caruana talab sabiex il-Kunsill jinforma lill-kuntrattur biex ma jintuzaw ingenji kbar li jisghtu jaghmlu xi hsara.

064.2.10 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-ilment li kien hemm minn residenta fi Triq San Pawl minhabba li qed izomm l-ilma quddiem il-bieb ta` residenza taghha. Is-Sindku talbet sabiex nitolbu lill-perit jintervjeni sabiex naraw x`inhu l-ahjar mod sabiex jigi evitat dan l-inkonvenjent.

064.2.11 Giet prezentata l-korrsipondenza li ntbghatet mill-AKL dwar l-Personal Accident Policy. Il-Kunsill qabel li l-haddiema u l-membri tal-Kunsill ikollhom din l-assigurazzjoni.

064.2.12 Giet prezentata korrispondenza li ntbghatet mill-perit tal-Kazin Maria Assunta dwar il-monument li qed jigu proponut fil-bidu ta` Triq Raymond Caruana. Il-Kunsill approva id-disinn u l-Kunsill ser ikun qed japplika ghan-nom taghhom.

064.2.13 Is-Sindku ghamlet referenza ghal bzonn li jinxtara van ghall-Kunsill peress li f`dawn l-ahhar snin il-Kunsill kien qed jaghmel uzu mill-van ta` haddiem impjegat mall-Kunsill. Is-Sindku qalet li l-

Kunsill ghandu bzonn van ghall-certu xoghlijiet li jsiru madwar ir-rahal. Dawk prezenti qabblu li l-Kunsill ghandu jixtri van.

064.2.14 Giet prezentata korrispondenza relatata mall-fondi tal-Urban Greening, fejn il-Kunsill qabel li japplika ghal dawn il-fondi sabiex isir tisbih fiz-zona tal-Housing Estate tal-Mithna.

064.2.15 Giet prezentata l-korrispondenza dwar l-allokazzjoni li l-Kunsill Lokali huwa ntitulat ghaliha ghas-sena 2022.

064.2.16 Giet prezentata korrispondenza minghand AKL dwar polza ta` assigurazzjoni ghall-flus tal-Kunsill. Il-Kunsill approva li sir din l-assigurazzjoni.

064.2.17 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li mill-1 ta` Frar 2022 il-Kunsill ser jibda juza sistema online gdida tal-permessi.

064.2.18 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-periklu li hemm fi Triq tal-Lampat ghal fatt li mhemmx lqugh bizzejjed fuq naha minnhom ta` triq. Is-Sindku talbet sabiex il-Kunsill jitlob l-ghajnuna tar-Regjun sabiex jekk dan huwa possibli jitella` hajt baxx mill-haddiema tar-Regjun. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

064.2.19 Giet prezentata korrispondenza dwar fondi relatati ma` tisbih u manutenzjoni fil-playingfield. Il-Kunsill qabel li japplika sabiex jizdiedu xi bandli godda fil-Gnien Glormu Cassar.

**064.4 Approvazzjoni tar-Rapport Finali tal-Estimi Finanzjarji ghas-sena**

Dawn ir-rapport ġie ċċirkulat qabel il-laqgħa tal-Kunsill u gie approvat minn dawk prezenti.

**064.5 Approvazzjoni tar-Rapport Amministrattiv ghas-sena 2021**

Dan ir-rapport ġie ċċirkulat qabel il-laqgħa tal-Kunsill u gie approvat minn dawk prezenti.

**064.6 Performance Bonus 2021 tas-Segretarju Ezekuttiv**

Is-Sindku prezentat il-performance bonus tas-Segretarju Ezekuttiv, fejn proponiet li s-Sinjura Mascena tinghata l-massimu tal-persentagg (10%). Il-Kunsill approva unanimament dan ir-rapport. Is-Segretarju Ezekuttiv irringrazzjat lis-Sindku u l-kunsilliera.

**064.7 Twegibiet ghall-Mistoqijsiet tal-Kunsilliera;**

064.7.1 Il-Kunsillier S Caruana staqsa dwar id-dawl ta` Gnien Glormu ghalfejn dan mhux qed jixghel. Is-Sindku spjegat li dawl kien qed jixghel fuq il-meter fuq it-temporanju u skada zmien tieghu. Is-Sindku kompliet tghid li l-Kunsill ghamel kuntatt mall-Ministeru biex dan il-meter jerga` jigi mgedded. Is-Sindku spjegat lil membri tal-Kunsill li hemm xi problemi sabiex jingieb il-complaince certificate.

064.7.2 Il-Kunsillier S Caruana talab sabiex jigu ffriskati sinjali tal-art fi Triq Hal-Resqun.

064.7.3 Il-Vici Sindku talab sabiex qabel mall-Kunsill jghaddi l flus lill-IM tax-xoghol li sar fit-toroq rurali, jigu rrangati l-hitan tas-sejjieh li hemm mwaqqa`.

064.7.4 Il-Vici Sindku ghamel referenza ghal permess li hemm fi Triq Santa Katerina, sabiex il-Kunsill jiccekja meta hija data tal-appell.

064.7.5 Il-Kunsillier MA Sammut talab sabiex isiru zewg bins fil-pjazza ta` quddiem il-Kappella ta` Loretu

064.7.6 Il-Kunsillier MA Sammut staqsa dwar kienx hemm xi zvilupp fuq il-kontroll tal-hamiem minn naha tal-AKL.

064.7.7 Il-Kunsillier MA Sammut talab sabiex jinbidel il-kliem no dogs mit-tabelli tal-gonna u jsiru dogs on leash.

064.7.8 Il-Kunsillier S Caruana talab sabiex il-Kunsill jigbed l-attenzjoni tal-kennies sabiex il-knis isir b`mod ahjar u aktar b`precizzjoni.

064.7.9 Il-Kunsillier S Caruana talab tigi rrangata l-bankina ta` Triq San Ciru.

064.7.10 Il-Kunsillier S Caruana talab sabiex tigi rrangata l-floodlight ta` zebra cross fi Vjal it-Torri.

**064.8 Rapporti:**

Ma kienx hemm.

**064.9 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;**

a. Triq iż-Żebbuġa – progress

b. Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina – progress

Giet prezentata kwotazzjoni u ritratt ta` ghajn li ser tigi installata fil-pjazza ta` Triq Santa Katerina. Dawk prezenti qabblu mal-istil ta` ghajn u gie mitlub sabiex jingiebu aktar kwotazzjonijiet u ritratti.

Is-Sindku ghamlet referenza ghat-talba li kien hemm sabiex isir tabella li tindika biex triq Santa Katerina ma tigix ostakolta mill-karozzi. Il-Kunsill qabel li ssir din it-tabella.

Is-Sindku ghamlet referenza ghall-parkeggi u l-access li ser ikun hemm sabiex wiehed jidhol fi Triq Santa Katerina u toroq l-ohra fejn ser isir il-progett, fejn gie proponut li dawn it-toroq jigu accessibli biss ghar-residenti u jisghtu jidhlu biss vannijiet sa` massimu ta` 7.5 tunellata. Il-Vici Sindku ma qabilx li triq ghandha tigi accessibli biss ghar-residenti ta` dawk toroq biss.

Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li kienet infethet investigazzjoni minn MP ghala Triq Santa Katerina u toroq l-ohra kellhom jergghu jinqghalu.

c. Ġnien Raymond Caruana – progress

**064.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Skeda ta` Pagamenti;**

Il-lista ta' pagamenti nru 33/8 kif ippreżentata ġiet ipproponuta mill-Kunsillier MA Sammut u ssekondata mill-Vici Sindku JM Calleja għall-ammont totali ta' €23,037.71 u ġiet approvata nem con.

**064.11 Tmiem tal-laqgħa u d-data tas-Seduta li jmiss.**

Il-Laqgha ntemmet fid-disgha neqsin kwart ta` filghaxija (8.45pm). Is-Sindku aġġornat il-laqgħa għal nhar it-Tlieta 15 ta` Jannar 2021 fis-6:00pm fuq aġenda li tiġi ċċirkulata għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

Konfermati, illum It-Tnejn 21 ta' Frar 2022

ffirmati
Dr. Marija Sara Vella
Sindku

ffirmati
Lara Mascena
Segretarju Eżekuttiv